

***Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej, ħaġa waħda nfittex:***
***li ngħammar f'dar il-Mulej***
***tul il-jiem kollha ta' ħajti***
***biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej***
***jien u nħares lejn it-tempju tiegħu.***
(Salm 27:4)

Jiena Dorianne Schembri imma fil-Professjoni ġejt mogħtija l-isem ġdid ta' **Sr. Paula Marie Schembri**. Jiena twelidt f'tal-Pieta` nhar il-Ħadd, 26 t'April 1981 minn Alfred u Pauline Schembri u għext is-Siġġiewi. Jiena l-unika tifla u t-tielet wild fost erbat aħwa. Mario u Patrick huma ħuti l-kbar, u Nicolai ħija ż-żgħir. Għaddejt tfulija sabiħa u għext fl-għożża ta' familja tassew nisranija. Irċevejt l-edukazzjoni primarja fl-iskola tas-Siġġiewi, imbagħad l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo Santa Tereża l-Imrieħel. Wara komplejt l-istudji tiegħi fil-Junior College u wara sentejn dħalt l-Universita` fejn segwejt il-kors ta' għalliema tal-*Home Economics* u tar-Reliġjon. Wara erba' snin gradwajt bħala għalliema f'dawn is-suġġetti u ħdimt għal sentejn fl-iskola Santa Monika, B'Kara ngħallem il-*Home Economics*. Sa l-ewwel sena fl-Universita` jien kont nattendi b'mod regolari u nagħti sehem attiv fis-soċjeta` tal-Museum fil-qasam tas-Siġġiewi.



Wara li temmejt l-istudji fl-Universita` ħassejt li nixtieq niddedika ftit mill-ħin tiegħi ngħin lill-oħrajn, f'ħidma ta' voluntarjat. Fis-sjuf ta' qabel kont ħdimt bħala *ability promoter* fid-Dar tal-Providenza. Imma xtaqt nagħmel xi ħaġa aktar minn hekk u xtaqt ngħin b'mod speċjali lit-tfal Għalhekk, permezz ta' xi kuntatti li kelli wasalt biex fis-sajf tal-2003 mort nagħmel xogħol volontarju mat-tfal f'Angela House, G'Mangia. Aktar tard bdejt nattendi b'mod regolari, l-aktar fil-*'weekends'* u fil-vaganzi, fil-Crèche tas-Sliema. Hawn kont insib ħafna sodisfazzjon, ferħ u paċi waqt li kont inkun qed nilgħab mat-tfal u ngħin lis-sorijiet fil-kura tagħhom. Sadanittant ix-xogħol kien għal qalbi ħafna: kont qed ngħallem il-***Home Economics*** fl-iskola ta' Santa Monica, B'Kara, fejn kien hemm ambjent sabiħ ħafna, b'importanza kbira lill-valuri reliġjużi u fejn bnejt relazzjoni tajba u soda sew ma' l-istudenti kif ukoll ma' l-għalliema sħabi.

Għal ħabta ta' Ottubru ta' l-istess sena kont bdejt nattendi wkoll il-*Crèche* tas-Sliema fejn jinsabu tfal mit-twelid sa erba' snin. Hawn iltqajt ukoll ma' grupp ta' sorijiet żgħażagħ li kienu għadhom fil-formazzjoni. Bqajt nattendi fil-*weekends* u fil-vaganzi u kont ġieli norqod hemm ukoll flimkien ma' tfajliet oħra. F'dawn is-sentejn li domt bħala *helper*, kont ngħin lis-sorijiet jieħdu ħsieb lil dawn l-anġli



żgħar. Kont ukoll nieħu sehem mas-Sorijiet fil-ħinijiet tat-talb u għall-adorazzjonijiet. Flimkien mat-tfajliet l-oħra li kienu jiġu hawn irnexxilna nerġgħu nsaħħu l-grupp ***Helpers of the Child Jesus*** u konna norganiżżaw ħafna attivitajiet spiritwali u soċjali.



Sadanittant il-Mulej kien qed iħabbat bil-qawwi fuq il-bieb ta' qalbi u jistedinni biex nagħti ħajti għalih biss. Xejn ma kien faċli li naċċetta din is-sejħa, li nitlaq lill-familja, ħbieb, xogħol u xi ambizzjonijiet oħra u tant pjanijiet oħra li tant kont ilni nfassal. Infatti, għall-ewwel bżajt meta ħassejt lill-Mulej isejjaħli biex inkun tiegħu u naqdih bħala Soru Orsolina.

Nistqarr magħkom ilkoll li:



***"Mhix sejħa faċli imma sejħa sabiħa u li titlob sfida fid-dinja ta' llum fejn tant valuri qed jinqalbu ta' taħt fuq. Sejħa fejn irrid ngħix is-safa u mħabbti nagħtiha lil kulħadd, f'dinja fejn il-kelma mħabba hija tant mhedda u mkissra; ngħix il-faqar f'dinja fejn il-kilba għall-ħwejjeġ materjali hija priorita`, u rrid ngħix l-ubbidjenza meta llum il-bniedem irid jagħmel ta' rasu u jippjana skond kif dejjem jaqbillu. Sfidi mhux żgħar; imma meta mqabbla mal-ferħ li ġġib magħha din is-sejħa reliġjuża żgur li hija sejħa tal-ġenn biex nuża l-lingwaġġ ta' llum. Jekk***



***tistaqsuni kif iddeċidejt jew xi tħoss, ngħidilkom biss li tħoss xi ħaġa f'qalbek li ma tistax tispjegaha. Tħoss, tifhem u temmen li tinsab f'postok u li meta titkellem m'Alla tiegħek tinduna li Hu kuntent bik għax għaraft ir-rieda tiegħu għalik – li tkun tiegħu u tiegħu biss!"***

Għalhekk bil-għajnuna t'Alla u tad-direzzjoni spiritwali wasalt biex ngħid iva u iva mill-qalb lill-Mulej għal din l-istedina mimlija mħabba li Hu nnifsu għoġbu jagħmilli. F'April tas-sena 2005 bdejt intgħarraf xi ħaġa lil tad-dar, lil sħabi, lill-*istaff* ta' l-iskola u naturalment lis-sorijiet Orsolini. Ir-reazzjonijiet ta' dawn il-persuni kienu differenti. Min jawguralek, min ma jaqbilx, min jissapportjak, min jagħmillek il-bsaten fir-roti u min jgħidlek li se taħli ħajtek. L-aktar li qaluli fuq il-karriera u l-istudju li kont għaddejt minnu peress li jafu kemm kont għal qalbi, iżda fejn jidħol Alla u l-kuntentizza tal-qalb ma jidħol xejn.



Kien fil-21 ta' Novembru 2005 meta flimkien ma' Melissa, illum Sr. Georganne Marie, bdejt il-formazzjoni tiegħi. Wara sentejn Postolantat, fejn rajt u għext aktar mill-qrib il-ħajja reliġjuża skond il-karizma tas-sorijiet Orsolini fl-20 t'Ottubru

2007 bdejt is-sena tan-Novizzjat. Din kienet sena aktar impenjattiva mill-att spiritwali u taħriġ ieħor biex nipprepara bis-sħiħ għall-jum ta' l-Ewwel Professjoni tiegħi li seħħet nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru 2008.

***U dan hu l-messaġġ għalikom iż-żgħażagħ mingħandi:***



Issa diġa` ilni tliet snin f'din il-mixja tiegħi fil-ħajja reliġjuża, u spiss tul dawn is-snin hekk kif narani naħdem fost dawn iċ-ċkejknin, jiġuni il-kliem ta' Ġesu` f'moħħi, ***Dak kollu li intom tagħmlu ma' l-iċken minn dawn ħuti qed tagħmluh miegħi.*** *(ara Mt.25,40)* Hekk ukoll joqgħod tant tajjeb il-kliem tal-Beata Madre Tereza ta' Kalkutta, ***Something beautiful for God.*** Għax tassew il-ħajja ta' soru Orsolina hija sensiela ta' atti żgħar imma kbar fl-istess ħin għax mimlijin imħabba għal Alla u għall-poplu tiegħu. Għalhekk għamlu kuraġġ, għeżież żgħażagħ, u jekk tisimgħu leħen il-Mulej għamlu bħali:



## la twebbsux qalbkom!